SERVIZZ PUBBLIKU
*dejjem miegħek*

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Arkeologu

**Qatt kont f'xi għalqa u fil-ħamrija sibt xi munita li konna nużaw qabel l-ewro? Jew kont qed tilgħab ħdejn il-baħar u int u tqalleb fir-ramel rajt xi arzella li kienet ilha moħbija hemm żmien twil? Jekk iva, tista' tifhem bejn wieħed u ieħor x'inhu x-xogħol ta' arkeologu.**

L-arkeoloġija hija mezz importanti ħafna li bih nistgħu nkunu nafu dwar dawk li għexu qabilna. Fil-fatt ix-xogħol tal-arkeologu huwa li jistudja n-nies ta' qabilna mill-oġġetti li ħallew warajhom. L-arkeologu jsib dawn l-oġġetti billi jfittex għalihom fil-ħamrija jew xi mkien ieħor taħt l-art. Dan it-tiftix jissejjaħ 'skavar'.

Dak kollu li jsib l-arkeologu jmur fil-kollezzjonijiet nazzjonali, jiġifieri ġabriet ta' oġġetti antiki minn oqsma differenti li flimkien jiffurmaw il-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna.

L-arkeologu ma jaqbadx iħaffer 'l hawn u 'l hemm bl-addoċċ. L-ewwel nett jagħmel ħafna riċerka u jiġbor tagħrif minn dokumenti, mapep u noti dwar skavi antiki li jkunu saru fil-post fejn ikun hemm il-ħsieb li jsir it-tħaffir. Imbagħad, ladarba jibda l-iskavar, il-ħamrija tinqala' saff saff, bħallikieku kienet kejk b'saffi kkuluriti.

Huwa wkoll xogħol l-arkeologu li jiddokumenta dak kollu li jsib. Dan isir permezz ta' ritratti, pjanti, djarju li jinkiteb kuljum u formoli apposta għal kull saff. B'hekk, meta jitlesta l-iskav, wieħed ikun jista' jibni storja kompluta u jifhem aħjar dak li jkun sar, anki snin qabel. Wara li jitlesta l-iskav, jibda proċess twil ta' tindif ta' dak kollu misjub kif ukoll studji xjentifiċi biex jinkiseb l-akbar ammont ta' tagħrif possibbli.

M'għandniex xi ngħidu, il-fatt li Malta għandha storja twila b'ħakkiema differenti, biex ma nsemmux il-preistorja wkoll, jagħmilha iktar interessanti li tkun arkeologu f'dan il-pajjiż u tista' tkun ċert li qatt m'int se tiddejjaq għax dejjem se ssib xi ħaġa ġdida u eċitanti!







## Kuratur

Kull darba li tużaw il-passaport ta' Heritage Malta u żżuru xi mużew jew sit storiku, moħħkom ikun fl-oġġetti għall-wiri f'dak il-post u fl-istorja sabiħa ta' kull wieħed minnhom. Iżda qatt ħsibtu fin-nies li jagħmlu ħafna xogħol, bla ma jidhru, biex intom tgawdu dawk l-oġġetti u dak il-post?

Dawn l-oġġetti kollha, kif ukoll il-binjiet storiċi li ħafna drabi jkunu esebiti fihom, għandhom il-kap tagħhom. Dan jissejjaħ 'kuratur' u kif jixhed ismu, li ġej mill-kelma Latina 'curare', xogħlu hu li jieħu ħsieb l-oġġetti kollha f'dak il-post – mhux biss l-oġġetti għall-wiri imma wkoll dawk li ma jkunux esebiti fil-pubbliku.

Ix-xogħol tal-kuratur, madankollu, huwa ħafna aktar milli sempliċiment jara li ma ssirx ħsara lil dawn l-oġġetti u li jkunu dejjem fi stat tajjeb. Xogħlu hu wkoll li jkun jaf x'inhu kull oġġett, minn fejn ġie, u għala hu importanti għall-istorja ta' pajjiżna. U billi dan kollu ma jagħmlux għalih innifsu iżda għall-poplu kollu, il-kuratur jara wkoll li t-tagħrif li jiġbor ixandru lill-pubbliku.

Il-kuratur ma ssibux dejjem fil-mużew jew fis-sit storiku li jieħu ħsieb. Biex jagħmel xogħlu sewwa jeħtieġlu jżur arkivji u libreriji u jiltaqa' u jiddiskuti ma' ħafna nies oħra biex ikompli jiġbor tagħrif, stampi u ritratti dwar l-oġġetti taħt il-ħarsien tiegħu ħalli dejjem isir jafhom aħjar u jwassal informazzjoni korretta lill-pubbliku dwarhom.

Jekk qalbkom tħabbat ftit aktar mgħaġġel u tkunu tridu tafu iżjed meta taraw xi pittura sabiħa jew xi bieqja li ntużat eluf ta' snin ilu, jew meta tinżlu f'katakombi jew f'xelter tal-gwerra, l-interess fl-istorja diġà hu mxettel fikom u la tikbru ftit ieħor se jurikom it-triq lejn karrieri eċitanti, fosthom dik ta' kuratur.




*Żomm kuntatt magħna!*